Mistoqsija prijoritarja għal tweġiba bil-miktub P-003473/2026
lill-Kummissjoni
Artikolu 144 tar-Regoli ta' Proċedura
Thomas Bajada (S&D)

Suġġett: L-infurzar tar-regoli tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran dwar is-sajd għal-lampuki

Il-Kummissjoni impenjat ruħha favur preżenza aktar b'saħħitha għall-kontrolli fil-Mediterran matul l-istaġun tas-sajd għal-lampuki (*Coryphaena hippurus*) tal-2026. Fid-dawl tad-19-il sessjoni tal-Kumitat ta' Konformità tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) bejn il-15 u s-17 ta' Settembru 2026:

1. Kemm-il każ ta' nuqqas ta' konformità potenzjali mal-miżuri applikabbli tal-GFCM identifikaw il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd matul l-istaġun tal-2026, liema partijiet kontraenti kienu involuti f'dawn il-każijiet, u liema assi ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza ntużaw biex jiġu individwati dawn il-każijiet?

2. X'tip ta' segwitu wettqet il-Kummissjoni fir-rigward tal-ksur identifikat matul l-istaġun tal-2025, u x'azzjoni bħsiebha tieħu fir-rigward tal-każijiet identifikati fl-2026?

3. Jekk fl-istaġun tal-2026 jinstab nuqqas ta' konformità persistenti minn pajjiż mhux tal-UE, il-Kummissjoni se timpenja ruħha li tivvaluta jkunux ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li jiskattaw ir-Regolament (UE) 2025/2077[1] dwar pajjiżi mhux tal-UE li jippermettu sajd mhux sostenibbli?

Imressqa: 2.9.2026

[1] Ir-Regolament (UE) 2025/2077 tat-8 ta' Ottubru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1026/2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli (ĠU L, 2025/2077, 14.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2077/oj).